2026/1724

14.7.2026

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2026/1724

tat-13 ta' Lulju 2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2147 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jimminaw l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/1705 tat-13 ta' Lulju 2026 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jimminaw l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135 ([2]) u r-Regolament (UE) 2023/2147 ([3]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jimminaw l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan. Dawk il-miżuri jinkludu projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar, l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta' ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi u projbizzjoni tat-tqegħid ta' fondi u riżorsi ekonomiċi disponibbli għal ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi.

(2) Fil-21 ta' April 2026, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li tfakkar it-tliet snin minn meta faqqgħet il-gwerra fis-Sudan. Id-dikjarazzjoni enfasizzat li l-kunflitt bejn il-Forzi Armati Sudaniżi (SAF), il-Forzi ta' Appoġġ Rapidu (RSF) u l-milizzji affiljati rispettivi tagħhom qed jeqred il-ħajjiet u jċaħħad lill-popolazzjoni minn dak li aspirat għalih fir-rivoluzzjoni 2018/19. Id-dikjarazzjoni żiedet li l-Unjoni se tuża l-għodod kollha disponibbli, inkluż id-diplomazija u l-miżuri restrittivi, biex tagħmel pressjoni għall-paċi, inkluż sanzjonijiet addizzjonali mmirati lejn l-ekonomija tal-gwerra tas-Sudan.

(3) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sudan, fit-13 ta' Lulju 2026, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2026/1705, li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135, li tintroduċi projbizzjoni fuq ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, b'mod dirett jew indirett, ta' deheb jekk joriġina mis-Sudan u jkun ġie esportat mis-Sudan lejn l-Unjoni jew lejn kwalunkwe pajjiż terz u projbizzjoni fuq il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b'mod dirett jew indirettta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-estrazzjoni tad-deheb jew għall-isfruttament tad-deheb, kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fis-Sudan jew għall-użu fis-Sudan.

(4) Il-Kunsill identifika ċerti oġġetti li huwa jivvaluta li qegħdin fil-qalba tal-proċess tal-estrazzjoni tad-deheb u l-isfruttament tad-deheb fis-Sudan. Sabiex it-terminazzjoni ordnata tal-kuntratti rilevanti eżistenti tkun possibbli, huwa xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni temporanja għall-projbizzjoni fuq il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' uħud minn dawk l-oġġetti.

(5) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, hemm bżonn ta' azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni biex jingħata effett lid-Deċiżjoni (PESK) 2026/1705, bl-għan li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L, 2026/1705, 14.7.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/1705/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2135 tad-9 ta' Ottubru 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jdgħajfu l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan (ĠU L, 2023/2135, 11.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2135/oj).
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/2147 tad-9 ta' Ottubru 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jimminaw l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan (ĠU L, 2023/2147, 11.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2147/oj).

(6) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2023/2147 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2023/2147 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(i) 'servizzi ta' senserija' tfisser:

(i) in-negozjar jew l-arranġament ta' tranżazzjonijiet għax-xiri, il-bejgħ jew il-forniment ta' oġġetti u ta' teknoloġija jew ta' servizzi finanzjarji u tekniċi, inkluż dawk minn pajjiż terz lil kwalunkwe pajjiż terz ieħor; jew

(ii) il-bejgħ jew ix-xiri ta' oġġetti u teknoloġija jew ta' servizzi finanzjarji u tekniċi, inkluż meta jinsabu f'pajjiżi terzi biex jiġu ttrasferiti lejn pajjiż terz ieħor;

(j) 'finanzjament jew assistenza finanzjarja' tfisser kwalunkwe azzjoni, irrispettivament mill-mezzi partikolari li jintgħażlu, li biha l-persuna, l-entità jew il-korp ikkonċernati, kundizzjonalment jew inkundizzjonalment, jiżborżaw jew jimpenjaw ruħhom li jiżborżaw fondi jew riżorsi ekonomiċi tagħhom stess, inkluż iżda mhux limitat għal għotjiet, self, garanziji, rahan, bonds, ittri ta' kreditu, krediti tal-fornitur, krediti tax-xerrej, avvanzi fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni u t-tipi kollha ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni, inkluż assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni; pagament, kif ukoll termini u kundizzjonijiet tal-pagament, tal-prezz miftiehem għal oġġett jew servizz, li jsiru skont il-prattika kummerċjali normali, ma jikkostitwux finanzjament jew assistenza finanzjarja;

(k) 'assistenza teknika' tfisser kwalunkwe appoġġ tekniku relatat ma' tiswijiet, żvilupp, manifattura, muntaġġ, ittestjar, manutenzjoni, jew kwalunkwe servizz tekniku ieħor, u tista' tieħu l-forma ta' istruzzjoni, parir, taħriġ, trażmissjoni ta' għarfien jew ħiliet tax-xogħol jew servizzi ta' konsulenza, inkluż forom verbali ta' assistenza.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 1a*

1. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, b'mod direct jew indirett, ta' deheb, kif elenkat fl-Anness III, jekk joriġina mis-Sudan u jkun ġie esportat mis-Sudan lejn l-Unjoni jew lejn kwalunkwe pajjiż terz wara l-15 ta' Lulju 2026.

2. Għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti msemmijin fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, b'mod direct jew indirett fir-rigward tal-projbizzjoni fil-paragrafu 1;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti kif imsemmi fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe xiri, importazzjoni jew trasferiment ta' dawk l-oġġetti, jew għall-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati, b'mod direct jew indirett fir-rigward tal-projbizzjoni fil-paragrafu 1.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għad-deheb li huwa meħtieġ għall-finijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi, uffiċċji konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali fis-Sudan li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 1b*

1. Għandu jkun pprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b'mod direct jew indirett, ta' oġġetti li jistgħu jintużaw għall-estrazzjoni tad-deheb jew l-isfruttament tad-deheb, kif elenkati fl-Anness IV, kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fis-Sudan jew għall-użu fis-Sudan.

2. Għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti msemmijin fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fis-Sudan jew għall-użu fis-Sudan;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti, jew għall-forniment ta' assistenza teknika , servizzi ta' senserija jew servizzi relatati oħra, b'mod dirett jew indirett, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fis-Sudan jew għall-użu fis-Sudan.

3. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), fejn applikabbli, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal oġġetti maħsuba għal finijiet umanitarji, emerġenzi tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew tal-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.

4. Fir-rigward ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2837 11, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/821, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sas-16 ta' Jannar 2027 ta' kuntratti konklużi qabel il-15 ta' Lulju 2026, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

(*) Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/821/oj).";

(4) jiżdied l-Anness III f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(5) jiżdied l-Anness IV f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

ANNESS I

"ANNESS III

LISTA TA' OĠĠETTI MSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 1A

	Kodiċi NM	Deskrizzjoni
	7108	Deheb (inkluż deheb miksi bi platinu), mhux maħdum jew f'għamla semimanifatturata, jew f'għamla ta' trab
	7112 91	Skart u laqx ta' deheb, inkluż il-metall miksi bid-deheb, iżda esklużi r-residwi li jinġabru mal-knis li fihom metalli prezzjużi oħrajn
ex	7118 90	Muniti tad-deheb"

ANNESS II

"ANNESS IV

LISTA TA' OĠĠETTI MSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 1B

	Kodiċi NM	Deskrizzjoni
	2805 40	Merkurju
	2837 11	Ċjanuri u ossidi taċ-ċjanur tas-sodju."